**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 14 ta' Gunju, 2019**

**Rikors nru: 419/10 AGV**

AB
Vs
ZB

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attrici pprezentat fis-6 ta' Dicembru, 2010 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi fit-22 ta' Marzu, 1973 izzewwget lil ZB (dok. A).

2. Illi miz-zwieg taghhom kellhom tlett ulied illum maggorenni.

3. Illi l-hajja mizzewwga bejn il-partijiet saret impossibbli minhabba eccessi, sevizzi, mohqrija, ingurji gravi, adulterju da parti tal-konvenut u ukoll minhabba inkompatibbilita’ ta’ karattru.

4. Illi l-konvenut ghamel il-hajja tal-attrici impossibli u anke instab hati mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Gudikatura Kriminali ghall-agir illegali versu martu.

5. Illi l-attrici ghamlet dak kollu possibbli biex isalva z-zwieg izda l-konvenut baqa’ jahqar lill-attrici b’ghemilu u bi kliemu.

6. Illi peress li l-medjazjoni falliet din l-Onorabbli Qorti awtorizzat lill-attrici tiftah din il-kawza. (Dok. B).

7. Ghaldaqstant ighid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:-

    1. Tippronunzja s-separazzjoni personali tal-partijiet ghar-ragunijiet premessi imputabbli lir-ragel.

    2. Takkorda lill-attrici dak il-manteniment xieraq skond il-ligi.

    3. Tapplika fil-konfront tal-konvenut l-artikolu 48, 51 u 52 tal-Kodici Civili.

    4. Tordna li l-attrici tibqa’ tirrisjedi fil-fond 119, Triq il-Gummar, B’Kara ad eskluzjoni tar-ragel minhabba l-imgieba vjolenti tieghu.

    5. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ta’ bejn il-partijiet.

    6. Taqsam l-istess komunjoni hekk likwidata bejn il-partjiiet skond il-ligi.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut li qed jigi ngunt in subizzjoni.

**Rat ir-Risposta Guramentata tal-konvenut** li eccepixxa illi:-

1. Illi l-esponenti jrid li jkun hemm separazzjoni personali imma ghar-ragunijiet imputabbli lill-mara.

2. Illi ghar-rigward tat-tieni talba r-rikorrenti ghandha l-introjtu taghha kif ukoll ghandha sehem sostanzjali mill-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk hija f'posizzjoni li tmantni lilha nnifsiha.

3. Illi ghar-rigward it-tielet talba ma hemmx ebda raguni sabiex jigi applikat l-artiklu 48,51 u 52 tal-Kodici Civili kontra l-esponent anzi dan qieghed jinghad fil-kontro-talba illi dawn is-sanzjonijiet ghandhom jigu applikati kontra l-attrici minhabba l-imgieba taghha.

4. Ghar-rigward ir-raba' talba l-esponenti ma ghandux ebda imgieba vjolenti fil-konfront tal-mara anzi hija l-mara jigifieri l-attrici li dejjem tqajjem l-inkwiet.

5. Ghar-rigward il-hames u sitt talba l-esponenti jaqbel li ghandu jkun hemm likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u li ghandu jsir il-qsim.

**Rat il-kontro-talba tal-konvenut** li ppremetta illi:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu fit-22 ta' Marzu, 1973 u minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal illum kollha maggorenni.

2. Illi l-hajja mizzewwga bejn il-partijiet saret impossibbli minhabba eccessi, sevizzi, mohqrija, ingurja gravi da parti ta' AB kif ukoll minhabba imkompattibilita' ta' karattru.

3. Illi l-attrici ghamlet il-hajja tal-esponenti impossibbli minhabba provokazzjoni, nuqqas ta' rispett u mohqrija.

4. Illi minkejja l-isforzi sabiex l-esponenti jsalva z-zwieg u minhabba l-intransigenza tal-attrici kien impossibli li jkompli bir-relazzjoni tieghu ma' martu.

Ghaldaqstant, il-konvenut talab sabiex l-attrici tghid ghaliex m'ghandhiex:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali tal-partijiet ghar-ragunijiet premessi imputabbli lil AB;

2. Tapplika fil-konfront ta' AB l-artikli 48, 51 u 52 tal-Kodici Civili;

3. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet;

4. Taqsam l-istess komunjoni hekk likwidata bejn il-partijiet skond il-ligi.

Bl-ispejjes kontra l-attrici li qed tigi ngunta in subizzjoni.

**Rat ir-Risposta Guramentata tal-attrici rikonvenzjonata** fejn eccepiet illi:-

1. Illi kif spjegat fir-rikors guramentat taghha r-responsabbilita' tat-tifrik taz-zwieg ghandha taqa' fuq ir-ragel ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess rikors guramentat taghha.

2. Illi mhux minnu li l-attrici pprovokatu jew b'xi mod uriet nuqqas ta' rispett jew mohqrija anzi kien hu li ghamel dan.

3. Illi mhux minnu li l-konvenut ipprova jsalva z-zwieg anzi kien hu li holoq il-problemi u kien anke difficli waqt il-medjazzjoni u fixkel separazzjoni konsenswali.

4. Illi m'ghandhomx jigu applikati l-artikolu 48, 51 u 52 tal-Kodici Civili fil-konfront tal-attrici izda ghandhom jigu applikati fil-konfront tal-konvenut.

5. Illi taqbel mal-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk taqbel mat-tielet u r-raba' talbiet tal-kontro-talba.

**FATTI**

**RESPONSABBILITA'**

1. Il-partijiet izzewwgu fit-22 ta' Marzu, 1973 u miz-zwieg taghhom twieldu tlett subien C, D u E illum maggorenni.

2. L-inkwiet skond l-attrici beda minhabba li fil-hajja tal-konvenut dejjem kienet tigi l-ahhar. Il-Hdud kien imur il-Kazin tal-Futbol ta' B'kara jew Gove' Bar, imbaghad kien jigi d-dar mlahhlah u ma jiekolx mal-familja. Fuq dan il-konvenut ma jinnegax li kien jiffrekwenta dawn il-postijiet, izda mbaghad kien imur id-dar, jistrieh ftit u mbaghad kien johrog mal-familja. Tghid li wara hmistax-il sena r-ragel kien dejjem jahdem minn xoghol ghal iehor u ma kinux isibu hin ghal xulxin, tant li anke r-relazzjonijiet intimi bejniethom kien abbandunahom. Tghid li kien jahdem sa xi 9.30 pm peress li kien jahdem part-time tal-anqas tlett

darbiet fil-gimgha u kien gieli jgib ix-xoghol id-dar u jahdem sat-tard. Tispjega li ghalhekk iz-zwieg taghhom kien spicca qisu zwieg ta' konvenjenza hi kienet tfendi ghal rasha u kienu qishom zewg persuni barranin li jghixu taht l-istess saqaf. Il-konvenut jichad li kien jevita lill-martu fl-intimita' anzi pjuttost kienet l-attrici jghid li kienet tevitah.

Tghid ukoll li kien hemm incidenti ta' vjolenza domestika ghax kien hemm darba fejn kien se jwaddabha mit-tarag 'l isfel. Darb'ohra kienet meta kienet hadet xokk mil-linfa li kien baghbas il-konvenut fuq ammissjoni tieghu. Kien hemm okkazzjoni meta kien hadilha c-cwievet tad-dar u kellha terga' tidhol id-dar bl-ghajnuna tal-pulizija u darb'ohra meta pprova jaghtiha daqqa ta' ponn, izda l-konvenut spicca biex waqa' u wegga'. Aktar recenti kien meta heddidha b'seratizz. Il-konvenut jinnega dan kollu u jzid ighid ukoll li kien hemm rapport falz li ghamlet l-attrici fil-konfront tieghu mal-Pulizija li kien qed jipprova kkoriha u jghid li sal-lum il-pulizija ma kinitx hadet passi kontrih.

Tghid li kien ighajjarha b'kliem oxxen u minhabba l-attitudni tieghu, it-tifel D kien telaq mid-dar ghaliex kien gelldu mat-tfajla, it-tifel iz-zghir ukoll kien telaq minhabba ma felahx ghall-agir ta' missieru.

3. L-attrici tispjega illi l-konvenut ma kienx ihalliha nieqsa mill-flus fiz-zwieg u llum tghix biss mill-pensjoni ghax ma jtihx manteniment. Tghid ukoll illi kienu bdew xi ftit problemi meta beda jaghti l-lifts li certu FG li kienet tahdem mieghu l-Housing Authority, pero' dan il-fatt gie michud mill-konvenut.

4. L-affarijiet bejniethom hzienu ghall-habta tas-sena 2008. Fl-2005, il-konvenut kien hareg "boarded out" meta kellu 60 sena. Ried isir direttur generali u kien dizappuntat li ma sarx. Meta kien hareg "boarded out"

kien qalilha li kien se jiftah hanut tal-antikitajiet f'Santa Venera. L-attrici tispjega li ma kinitx taqbel u dan peress li kien irtira u xtaqet li jqattghu aktar hin flimkien, ghaliex fl-istess hin kien jaghmel ukoll xoghol ta' accountant. Tikkonferma li kien ghadu jaghmel dan ix-xoghol sal-lum u esebit diversi dokumenti in sostenn ta' dan.[1]

5. Fl-2008 il-konvenut kellu jaghmel bypass u kien hadha bil-kbira. Beda jghir ghall-attrici u kien beda jakkuzaha li kienet qed tigri mal-irgiel. Ma kienx ridha l-isptar u meta marret tarah fl-ahhar tlett ijiem kien evitaha u l-istess kien ghamel meta kellha taghmel operazzjoni hi xi tlett xhur wara. Lanqas kien biss mar jaraha. Il-konvenut jaghti verzjoni kompletament kontrastanti minn dik tal-attrici u jghid li waqt l-operazzjoni ma tatu ebda ghajnuna ta' xejn u kienet tghajjru fuq il-mard li kellu. Hu jghid ukoll li meta martu kienet ghamlet operazzjoni kien qatta' jumejn l-isptar maghha u anke sahansitra bghatilha l-fjuri. L-attrici tinnega dan u dwar l-operazzjoni tieghu tghid li kienet takkumpanjah ghall-vizti qabel l-operazzjoni, pero' granet qabel l-operazzjoni kien qalilha la ma riedhix l-isptar mieghu u kienet hadet ghaliha, minkejja li mbaghad marret.

6. L-attrici tikkonferma li l-affarijiet hzienu sew fis-sena 2009, meta l-konvenut beda ma jhallix flus fil-kont u kienu bdew ighixu separati taht l-istess saqaf. Il-konvenut kien hadielha l-karozza Pajero li kienet isuq u li kienet f'isimha u kien fil-fatt instab hati ta' "pretended rights" mill-Qorti tal-Magistrati. L-attrici tkompli tghid li minn hawn bdew serje ta' vendikazzjonijiet da parti tal-konvenut fil-konfront taghha fid-dar u xorta baqa' jghajjarha u kien anke kien vjolenti maghha, minkejja li ma kinitx irrappurtatu. Ghal darb'ohra l-konvenut jaghti verzjoni

[1] Dok. XYT 2- XYT5 a fol. 329- 333 tal-process.

kontrastanti ghal dik tal-attrici. Isemmi diversi atti ta' vendikazzjoni da parti tal-attrici fil-konfront tieghu.[2] Ighid li kien mohhha li ddahhlu l-habs u fil-fatt jikkonferma li kien hemm proceduri kriminali fejn spicca wehel xahar habs sentenza sospiza. Dawn il-vendikazzjonijiet komplew anke wara li kienu qed ighixu taht l-istess saqaf, izda jghixu hajja separati. Il-konvenut kien qed ighix fil-basement u mbaghad kien telaq definittivament mid-dar konjugali f'Marzu, 2014.

7. L-attrici tghid li sakemm kienu ghadhom ighixu taht l-istess saqaf, hi tghix bil-pensjoni taghha ta' Eur. 355,60 li mhux sufficjenti[3]. Tghid li hi tiehu hsieb id-dar. Il-konvenut ihallas l-ispejjes tad-dawl u ilma u dan ikkonfermah hu stess. Ikkonferma ukoll illi jhallas il-kontijiet tat-telefon li tuzah biss l-attrici, kif ukoll il-licenzja tat-televixin. Zewgha ghandu zewg pensjonijiet u jaqla cirka Eur. 1218 fix-xahar skond l-attrici. Il-konvenut jikkonferma illi mix-xoghol part-time ta' accountant kien jaqla' Eur.1500 fis-sena minn cirka tlett klijenti u xi Eur.30 fis-sena minn xi klijenti talli kien jimlilhom il-prospett tal-income tax. Mill-pensjoni tat-Tezor ighid li jaqla' madwar Eur.12,000 f'idejh fis-sena. Ighid ukoll li meta biegh parti mill-pensjoni tat-Tezor fl-2005 kien dahhal cirka Lm 20,000 (Eur.46,600), li qasamha mal-attrici.[4] Il-konvenut jikkonferma li kien jircievi l-pensjoni tas-servizz li kienet garantita lilu sa mis-sena 1970.[5] Il-konvenut ighid ukoll li hu ihallas it-taxxa fuq id-dhul tal-pensjoni tal-attrici u jghid li l-pensjoni tieghu tan-National Insurance huwa inqas minn ta' martu.

[2] Ara fol-51 u 52 tal-process.
[3] Ara Dok. AEX 8 a fol.844 tal-process.
[4] Ara Dok.K2. a fol.798 tal-process.
[5] Ara Dok.AA3 a fol.595 tal-process.

8. Tghid li kienet zbankat Eur.1125 mill-Lombard Bank peress li l-konvenut ma kienx qed ighaddilha flus ghall-hajja. F'dak iz-zmien tghid li kienet ghadha ssajjar u tahsillu l-hwejjeg. IL-konvenut gab provi li l-attrici kienet ghamlet diversi zbanki mill-overdraft u jghid li ma kienx jaf ghalxiex.[6]

Il-konvenut izid ighid li l-attrici qed tirrifjuta li tiffirma l-prospett tal-income tax u kien b'arretrati ta' sentejn minhabba f'hekk u ghalhekk kien hallas l-ammont dovut anke jekk kien intitolat ghar-rifuzjoni. Dwar dan l-attrici tghid li kienet iffirmat il-prospett originali, izda mhux il-kopja peress li rrizultalha li kien hemm xi dikjarazzjonijiet mhux korretti. Il-konvenut ighid ukoll illi l-investimenti li huma soggetti ghall-15% withholding tax ma kinitx turihomlu l-attrici u ghalhekk ma kinux jigu ddikjarati, izda peress illi t-taxxa kienet qed tithallas *at source* ma kellux ghalfejn jinforma lill-awtoritajiet.

Il-konvenut ukoll esebixxa lista ta' investimenti u dhul fis-sena 2013, li jinkludi ukoll id-dhul mill-part-time, id-dhul miz-zewg pensjonijiet, kif ukoll l-ispejjes ta' kuljum, kif ukoll il-kera ta' proprjeta' li kera minghand ibnu C. [7] Esebixxa ukoll il-profit and loss tal-part-time ghal diversi snin, kif ukoll jispjega li ghad hemm taxxa dovuta fuq l-introjtu ghas-sena 2013.[8]

9. L-attrici tikkonferma li l-konvenut kien hareg overdraft mal-Bank of Valletta pero' minkejja li forsi kienet fil-bidu ffirmat xi karti ghat-tehid tal-overdraft wara li sseparaw de facto qatt ma kienet tat il-kunsens

[6] Ara Dok. AA 48 – AA 50 a fol. 729 – 732 tal-process.

[7] Ara Dok.K3.a fol.799 tal-process
[8] Ara Dok. K5 – K12. A fol. 801 – 812 tal-process.

sabiex dan l-overdraft jiggedded. Il-konvenut jinnega dan u jghid li l-attrici qatt ma rrifjutat li tiffirma sabiex jiggedded l-overdraft u dan minhabba li fl-ewwel lok dan kien ittiehed ghall-bzonnijiet tal-attrici. Fuq dan l-overdraft ighid li l-bank dovut jiehu aktar minn Eur.l 4,500. Skond il-konvenut, mill-overdraft, l-attrici kienet zbankat il-flus u bihom kienet xtrat l-immobbli f'B' Kara[9] u jinnega li nxtraw bil-flus ta' HI.

10. Il-konvenut ighid li l-attrici kemm il-darba tohrog wahedha s-sibtjiet u l-Hdud. Jekk johorgu mal-hbieb lanqas jitkellmu bejniethom. Ighid li kienet tirrifjuta li jsiefru flimkien u kienet anke tirrifjuta relazzjonijiet intimi. L-attrici tinnega dan u tghid li ghall-kuntrarju kien il-konvenut li kien johrog wahdu. Il-konvenut jakkuza ukoll lill-attrici talli kienet omm bla qalb, li wasslet li anke t-tifel E kellu jitlaq mid-dar u mar ighix ghand habib tieghu waqt li kien qed jikteb it-tezi. Ighid li hu dejjem ipprova juriha rispett, izda hi kienet tahbilu u tisraqlu.

11. Il-konvenut jistqarr li ma kienx hemm relazzjoni tajba tal-attrici m'ommu, bil-kemm kienet tmur taraha u hu kien imur jaraha bil-mohbi tal-attrici, waqt il-brejk tax-xoghol jew filghaxijiet qabel ma kien imur id-dar u jivvinta li kien inqabad ix-xoghol. Ghalhemm jichad li ommu kienet halliet centru lill-attrici kif qed tinsisti hi.

12. Sakemm telaq mid-dar, il-konvenut ighid li kien qieghed ighix fid-dar matrimonjali fil-basement, bil-bibien imbarrati, 'coat hanger stand' jew purtelli tat-twieqi fin-nofs, bibien maghluqin bic-capetti, serraturi mimlijin zkuk tal-injam u trab. Ighid li martu fil-kesha tiftah kullimkien biex jidhol il-bard fil-basement.

---

[9] Ara Dok. AA5 a fol.597 tal-process.

13. JK hu l-attrici, u martu LK, jikkonfermaw li l-attrici kienet fethet qalbha maghhom dwar l-inkwiet li kellha mar-ragel taghha u li darba kien ipprova jhebb ghaliha. Semmew incidenti fejn il-konvenut ma riedx jattendi l-party li kien organizzalha. Ikkonfermaw ukoll il-vendikazzjonijiet u l-incident tal-Pajero li ssemmi l-attrici. L-istess fatti gew ikkonfermati mill-hbieb tal-attrici MN u OP li lkoll ziedu jghidu li peress li kienu johorgu bhala koppja mal-partijiet, kemm il-darba ppruvaw jirrangawhom, u gieli rnexxielhom. Huma xehdu biss fuq dak li qaltilhom l-attrici.

14. Il-familjari tal-konvenut QR, JK u LK kollha jsemmu li l-attrici ma tantx kienet izzur lil omm il-konvenut.

15. Fuq ommu l-attrici, CB, ighid li ommu dejjem kienet tagixxi b'mod partikolari u stramb hafna. Kienet tghaddi perjodi fejn ma kinitx titkellem ma' missierhom. Jitkellem fuq iz-zmien li beda jaqghalu xagharu u t-tobba kienu qalu li dan kien minhabba biza' u tensjoni peress li missieru riedu jmur il-Liceo u ommu ma rieditux.

Jispjega ukoll li missieru kien ihobb isiefer u kien jaghmel minn kollox biex iheggeg lill-attrici, izda kienet tirresisti hafna u jghid li llum jifhem li missieru ha hafna pacenzja minhabba l-karattru difficli t'ommhom.

Ix-xhud jistqarr li r-relazzjoni bejn il-genituri tieghu hzienet meta missieru ghamel l-operazzjoni tal-bypass. Hass li kienet qed tirrovina l-familja peress li kienet qed tohloq divizjoni. Ighid li sahansitra kienet talbitu jaghti l-kontribuzzjonijiet lejn il-familja. Jispjega li mit-8 ta' Gunju, 2010, missieru ma felahx aktar ghal dan l-atteggjament t'ommu

u kien iddecieda li jmur ighix fil-basement. Kien joqghod ma’ missieru hemmhekk, isajjru u jieklu hemmhekk.

Jikkonferma ukoll li huh D kien telaq mid-dar minhabba r-relazzjoni difficli li kien hemm bejnu u t-tfalja ta’ huh S. Ighid ukoll li fil-gurnata tal-gherusija, ommhom ma kellmet lil hadd, lanqas lil S u l-familjari taghha.

Ix-xhud jitkellem ukoll dwar l-operazzjoni tal-konvenut u li l-attrici ma urietx kompassjoni lejh, li lanqas riedet takkumpanjah l-isptar. Anke meta mar lura d-dar u kellu xi sitt gimghat biex jirkupra, ighid li l-attrici kienet tiftah il-bibien u t-twieqi l-gurnata kollha, minkejja li kienet ix-Xitwa biex tkessah kullimkien.

Jikkonferma li l-konvenut ma kienx agixxa fl-istess mod mal-attrici meta ghamlet operazzjoni u kkonferma dak li stqarrew hutu, li missier baqa’ jghinha. Izda wara l-operazzjoni, ighid li l-attrici saret aktar arroganti u zdied aktar it-tghajjir bejniethom.

Jispjega ukoll kif minn Gunju, 2009, ommu kienet qaltlu li ma kinitx ser issajjarlu aktar u kien jispicca jsajjar ma’ missieru u jsemmi diversi vendikazzjonijiet li bdiet taghmel ommu l-attrici.

Bin il-partijiet jispjega li missieru kien jilmenta mieghu li ommu kienet tigbed ammont eccessiv ta’ flus, pero’ ma kienx jaf isemmi l-ammont. Ighid ukoll li kien ihallas Eur.40 fix-xahar lil ommu u anke hutu kienu jaghmlu l-istess. Hu kien jiddeposita dan l-ammont fil-kont ta’ missieru, izda jghid li fl-2010 ommu kienet talbitu biex jiddepositah fil-kont

taghha u hekk ghamel. Jichad li ta lil missieru Lm500 (ekwivalenti ghal Eur.1,165).

Rigward il-vettura Daewoo Matiz, GBN 304 jichad li kien xtraha missieru u kien poggiha f'ismu. Jikkonferma ukoll li missieru kien ghenu billi ghamel xi xoghol fil-post tieghu f'Tal-Pieta' u jikkonferma li ma kienx hallsu flus.

Ikkonferma dak li xehdu hutu rigward il-Peugeot u l-fatt li missieru spicca tressaq il-Qorti. Kien idejjaq jisma' lil ommu tifrah u ghax kien jinjoraha kien isib il-kamra tieghu mqallba. Dan kollu waqaf meta beda jaghti Eur.40 kull xahar lill-attrici.

16. EB, bin il-partijiet spjega illi bejn Ottubru, 2008 kien mar ighix l-Olanda u f'dak iz-zmien ir-relazzjoni bejn il-genituri kienet wahda *tense*. Jikkonferma li ghall-habta tas-sena 2003/2004, missieru kien kecca lil huh D, peress li r-relazzjonijiet bejn ommu u t-tfajla ta' D ma kinux mill-ahjar.

Jispjega li il-genituri tieghu dejjem kienu hemm ghalih u ma kienx jonqsu xejn, pero' kien jaf li kienu jiggieldu l-aktar meta kienet toqrob xi okkazzjoni tal-familja. Il-konvenut jistqarr li waqt li E kien qed jistudja ghall-Masters l-Irlanda, l-attrici qatt ma kienet marret tarah lanqas ghall-gradwazzjoni.

E jistqarr li ommu kienet bhall-ommijiet ohra u kienet tiddedika l-hin taghha lit-tfal u jghid li missieru kien l-istess fil-hinjiet li kien ikun id-dar. Kienu jghixu hajja ta' familja normali, nhar ta' Sibt filghaxija johorgu bhala familja, jaghmlu l-isports, bhall-football u surfing. Kienu

jmorru l-quddies u anke jghidu r-ruzarju kwazi kuljum. Gieli l-hdud kien jakkumpanja lill-missieru go xi bar u kien hemm xi drabi meta kienu jaslu tard ghall-ikla tal-Hadd, izda jichad li missieru kien ikun fis-sakra. Il-genituri kienu johorgu u anke kienu jmorru l-izfin flimkien.

Ix-xhud jitkellem dwar l-operazzjoni tal-bypass li kellu jaghmel missieru. Jispjega li qabel l-intervent kienu marru bhala familja ghand il-kirurgu. Ighid pero' li ommu ma kinitx marret, hlief darba biex tara lil missieru u ghax kienu kkonvinciha tmur mieghu. Jikkonferma li f'dak iz-zmien ir-relazzjoni bejn il-genituri tieghu ma kinitx wahda tajba. Ihoss li ommu ma tantx kient uriet kompassjoni f'dan iz-zmien lejn missieru ghall-kuntrarju ta' missieru, li meta ommu kienet damet jumejn l-isptar wara li ghamlet l-operazzjoni tal-vini, kien imur kuljum u joqghod fil-waiting room biex jara kif baqghet u kien anke baghat il-fjuri ghan-nom tal-familja u meta marret lura d-dar kien jipprova jdur biha.

Fuq il-kawza tal-Pajero, fejn missieru nghata sentenza sospiza jghid li peress kien ighix l-Irlanda ma kien jaf b'xejn u hadha bi kbira, tant li ghamel zmien qata' l-kuntatt m'ommu. Ighid li sahansitra kien ukoll kiteb lill-President ta' Malta biex il-kundanna tigi rikunsidrata.

17. DB, bin il-partijiet ukoll jixhed fuq il-fatt li kellu relazzjoni ma' tfajla u li ommu ma kinitx taqbel maghha ghax ma kinitx gradwata u minhabba f'hekk biex jagevola lil attrici, il-konvenut kien keccih mid-dar. L-attrici tinnega li hi ma kellix relazzjoni tajba mat-tfajla ta' D, izda tghid li kien il-konvenut li kien isahhanha kontriha. Eventwalment D rega' mar lura d-dar.

Ighid li minhabba l-fatt li missieru kien spicca nghata sentenza sospiza, minhabba proceduri kriminali li kienet fethet kontrih ommu, kien tbieghed minn ommu.

Ix-xhud ighid li kien close ma' missieru ghaliex minn dejjem kien ihossu komdu jaqsam il-problemi mieghu, ommu minkejja li kienet taghmel id-doveri taghha lejhom, ighid li kienet tbaxxih billi kienet tghidlu li ma kienx tajjeb daqs haddiehor. Ighid li ommu dejjem riedet li jidhru tajjeb anke akkost li jigdbu biex jaghtu impressjoni li kollox kien miexi sew u din kienet haga li ddejqu.

KOMUNJONI TAL-AKKWISTI

L-attrici tghid li fiz-zwieg kienu xtraw is-segwenti proprjeta' :-

1. 119, Triq il-Gummar, B'kara (semi-detached villa);
2. Garaxx jesa' 4 karozzi mat-triq li qieghed 123, Triq il-Gummar, B'kara;
3. Flat ta' zewgt ikmamar tas-sodda "Sunrise," Triq it-Tunnacc, Ghadira, Mellieha;
4. Appartament 5, Bullfinch Court, Mellieha;
5. Garaxx ta' karozza wahda mat-triq fi triq l-Arznell, Ghadira Mellieha.
6. Hemm diversi mobbli konsistenti f'ghamara antika. [10]
7. Hemm ukoll diversi kontijiet bankarji.

Il-partijiet ma jaqblux fuq l-istimi li nghataw fuq id-dar matrimonjali u fil-fatt l-attrici esebiet dokumenti li fil-fehma taghha jirrapprezentaw il-valur

[10] Ara fol.24

tad-dar matrimonjali.[11] Esebiet ukoll stima tal-fond gewwa l-Mellieha 2, Albatross Court, Triq it-Tunnagg, flimkien mal-garaxx sottostanti. Dawn huma stmati ghall-valur ta' Lm42,000 (Eur. 97,680), kif ukoll il-valur ta' Flat 9, Sunrise Flats, Triq l-Arznell, Mellieha, stmat Lm32,000 (Eur.74,560).[12] Il-konvenut jikkonferma li mill-bejgh tal-fond tal-Mellieha kienu dahlu cirka Eur.84,000 u dawn inqasmu bejniethom u mis-sehem tieghu jghid li kien sellifhom lit-tifel C ha jixtri l-post tieghu. Il-konvenut jikkonferma ukoll li ibnu C mhux qed ihallsu lura, izda kien qed ihallsu 2.5% per annum imghax.

8. Dwar id-dar tal-Hamrun, l-attrici tghid li din kienet inxtrat b'cens u ki kienet xtrat l-ghamara kollha hi. Esebiet skrittura li ghamlu bejniethom meta kienu gharajjes biex ihallsu ftit fix-xahar bejniethom. Pero' tghid li kienet harget xi hames darbiet izjed mill-konvenut.[13] Tispjega li skond il-konvenut hu jghid li meta nbieghet id-dar kienu dahlu xi Lm1,100 (ekwivalenti ghal Eur. 2563) u li dawn marru fil-komunjoni. L-attrici tinnega dan kollu ghaliex tghid li hi kienet harget aktar flus. Il-konvenut ighid li dawn il-flus huma dovuti lilu ghall-ghamara li hallew fil-post li kienet parafernali ghar-ragel.

9. Il-konvenut jikkonferma l-proprjetajiet fuq imsemmija mill-attrici, kif ukoll jelenka diversi oggetti mobbli ohra.[14] Isemmi ukoll vettura Peugeot 405 li ghandha valur ta' Eur. 2000 u Pajero b'valur ta' Eur.4000 u jsemmi ukoll oggetti tad-deheb, kif ukoll ornamenti tal-fidda li huma mizmumin mill-attrici skond il-konvenut.

---

[11] Ara Dok.AEX2 u AEX 3 a fol.838 tal-process u 840 tal-process.
[12] Ara DOk. AEX 4 u AEX 5. A fol. 840 u 841 tal-process.
[13] Ara Dok.AEX 1 a fol.835 tal-process.
[14] Ara fol.55/56 tal-process.

10. L-attrici ssemmi ukoll illi ghandhom hanut [15] u esebit ukoll lista ta' ghamajjar tal-komunjoni bil-prezz li kienet akkwistathom.[16] Dwar il-hanut, il-konvenut ighid li dan il-hanut ilu maghluq sa mill-operazzjoni tieghu. Ighid ukoll illi s-sid tal-hanut, huwa habib tieghu, u ried jaghmel riklam biex jikrih u talbu juza' n-numru tieghu fuq il-riklam. Ighid ukoll li precisament il-hanut kien mikri ghand il-wild taghhom D u ma kienx hemm furnishings u kien xtara biss skrivanija u siggu. D kien hallas l-antiporta, li kienet tiswa' Eur. 300, imbaghad kien tah il-flus. Il-konvenut jinnega li kien jiggestixxi l-hanut hu. Kien jiggestih D, izda fuq il-business card kien kiteb id-dettalji ta' missieru l-konvenut peress li kien impjegat mal-Gvern.

11. Il-konvenut jitlob li jizdiedu aktar assi minn dawk imsemmija aktar 'l fuq u ssir referenza ghall-affidavit tieghu f'dan is-sens.[17]

12. Robert Sammut in rapprezentanza tal-Malta Stock Exchange kkonferma li l-konvenut ghandu holdings maghhom.[18]Ikkonferma ukoll illi anke l-attrici ghandha *holdings* maghhom u li l-valur taghhom jista' jinbidel kuljum.[19]

13. Dr. Enrico Depasquale in rapprezentanza ta' Middlesea Valletta Life esebixxa polza ta' assikurazzjoni. [20] Il-konvenut jikkonferma li kien assigurat biss fuq is-somma ta' Eur.6,676.80.

---

[15] Ara Dok. XYT a fol.329 tal-process
[16] Ara Dok.AEX6. a fol.842 tal-process.
[17] Ara fol.579 u 581 tal-process.

[18] Ara Dok.RS a fol.310 tal-process.
[19] Ara Dok.RSX.a fol.825/826 tal-process.
[20] Ara Dok. ED1 a fol.167 tal-process.

14. David Galea in rapprezentanza tal-APS Bank ikkonferma li l-attrici kellha zewg kontijiet f'isimiha li kienu ghadhom attivi u kien hemm tnejn ohra li kienu maghluqa.

15. Jeanette Lepre' in rapprezentanza tal-Lombard Bank esebit zewg kontijiet f'isem il-konvenut:-

i) Kont kurrenti bin-numru 01172110385 illi sal-31 ta' Mejju, 2011 kien hemm bilanc ta' Eur.1026.48.[21]

ii) Kont 01440110385 illi sal-31 ta' Mejju, 2011 kien hemm bilanc ta' Eur.5.547, 84.[22]

Fuq ricerka li ghamlet fuq l-attrici rrizulta li ghandha kont fixed bin-numru 015205210234 u sa Gunju, 2011 kien hemm bilanc ta' Eur. 2,655.[23]

16. Xehdet ukoll Donna Ellul in rapprezentanza tal-Lombard Bank Malta plc. u tghid li mir-ricerka li ghamlet irrizultalha li l-attrici ghandha fixed account fl-ammont ta' Eur.2,655 u li ghandha ukoll 854 LBM shares, izda ma setghetx taghti l-valur ta' dawn l-ishma.[24]

17. Audrey Ghigo in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc. ikkonfermat is-segwenti kontijiet f'isem il-konvenut:-

[21] Ara Dok. JL1 a fol. 168 tal-process.
[22] Ara Dok.JL 2 a fol.207 tal-process.
[23] Ara Dok. JL3 a fol. 328 tal-process.
[24] Ara Dok.DE u Dok.DE 2 a fol.847 u 848 tal-process

i) Kont saving bin-numru 037026382050 – sal-15 ta' Gunju, 2011 kien hemm bilanc ta' Eur.5.992,32.[25] Imbaghad esebit kont updated sat-18 ta' Marzu, 2013.[26]

ii) Deposit account bin-numru 089-82200100 li nghalaq fis-7 ta' Lulju, 2009.[27]

Dwar l-attrici, l-istess xhud ikkonferma li kellha s-segwenti kontijiet bankarji:-

i) Term deposit account bin-numru 016001059100 u sal-21 ta' April 2011 kien ghad hemm bilanc ta' Eur.398.86.[28]
ii) Saving account bin-numru 033163403050 li nghalaq fit-18 ta' Gunju, 2008. [29]

18. Romuald Attard in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ikkonferma s-segwenti kontijiet bankarji f'isem il-konvenut:-

i) Kont savings bin-numru 13400071024 u sa Mejju, 2011 kien fih bilanc ta' Eur. 2.372.26.[30]
ii) Consumer overdraft bin-numru 17216618033 u sal-11 ta' Mejju, 2011 kien fih zbilanc ta' Eur. 4.442,30.[31]
iii) Tmintax-il xahar term deposit account bin-numru 40017299709 u l-kont nghalaq fl-14 ta' Jannar, 2010. [32]

[25] Ara Dok.AG1 a fol.127 tal-process.
[26] Ara DOk. AGX2 a fol. 933 tal-process
[27] Dok. AG2 a fol. 143 tal-process.
[28] Ara Dok.AG3 a fol. 145 tal-process.
[29] Ara Dok. AG 4 a fol 156 tal-process.
[30] Ara Dok. RA 1 a fol.230 tal-process.
[31] Ara Dok. RA 2 a fol.238 tal-process.
[32] Ara Dok.RA 3 a fol.286 tal-process,,

iv) Visa Classic Bank of Valletta bin-numru 455240120051971 u hemm zbilanc ta' Eur.96.19 sal-15 ta' April 2011 u dan l-ammont ghadu dovut.[33]

v) Master Card bin-numru 5420711003666008 u juri zbilanc ta' Eur.40.96 u dan huwa dovut lil bank ukoll.[34]

vi) Kont savings, rendikont ta' consumer overdraft u rendikont ta' Master u Visa Cards huma aggornati tal-kontijiet fuq imsemmija.[35]

F'isem l-attrici mbaghad irrizultalu sitt kontijiet attivi [36]:-

(i) Savings account numru 15800569037
(ii) Savings account numru 40013730275
(iii) Term deposit account 140014385881
(iv) Term deposit account numru 40018727102
(v) Term deposit account numru 40020505710
(vi) Current account numru 40020970552

Imbaghad gew ipprezentati aggornamenti tal-kontijiet.[37]

Irrizultaw ukoll tlett kontijiet maghluqa[38].

(i) Term deposit account numru 40017299699
(ii) Term deposit account 40017309071

[33] Ara Dok. RA 4 a fol.291 tal-process
[34] Ara Dok., RA 5 a fol.297 tal-process
[35] Ara Dok.Z1-Z4. A fol.748 – 783 tal-process
[36] Ara doks RA1 – RA 3 u Doks. RA 7 – RA 9 a fol.858 – 907 tal-process.
[37] Ara Dok.Y1-Y6. A fol.-784 – 794 tal-process.
[38] Ara DOk. RA 4- RA 6 a fol.901 – 903 tal-process.

(iii) Term deposit account 40018711024

Ighid ukoll illi c-cekks li nhargu mill-overdraft 172116618033 inhargu mill-konvenut u l-bilanc sal-11 ta' Marzu, 2013 huwa ta' Eur.4,499.72.

Ikkonferma ukoll illi l-kont fuq imsemmi kien f'isem il-konvenut pero' ghall-bank kienu t-tnejn responsabbli. Ighid ukoll li ma kienx sab il-firma tal-attrici ghall-approvazzjoni ta' dan il-kont. [39] Aktar tard kien esebixxa dokument fejn kien hemm il-firma tal-attrici.[40]

Esebixxa ukoll Doks.KBX1, KBX2, KBX 3, KBX 4 U KBX 5.

18. Renzo Gauci in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. esebixxa statement of affairs tal-assets u liabilities taz-zewg partijiet. [41]

19. Mark Sammut in rapprezentanza tal-APS Bank Ltd. jikkonferma li f'isem l-attrici kien hemm erbgha kontijiet tnejn maghluqin – kont numru 1353281301-8 u 2000005878-2[42] u tnejn ohra li ghadhom miftuhin kontijiet li jgibu n-numri 2000102721-8 u 2000102722-9.[43]

20. Dr. Kelly Fenech in rapprezentanza ta' Jesmond Mizzi Financial Advisors Ltd. tghid li l-attrici ghamlet tlett transazzjonijiet mal-kumpanija li qabel kien jisimha Atlas Stockbroking Limited u Atlas Investment Services Ltd. li amalgamaw u saru Jesmond Mizzi Financial Advisors Ltd. Il-valuri tghid huma l-valuri fid-data tat-transazzjoni u mhux dawk kurrenti. Tghid

[39] Dok.KBX 1 a fol.734 tal-process.
[40] Dok.X a fol.939 tal-process.
[41] Dok.RG1a fol.-742 tal-process.
[42] Ara Dok.MS 2 u MS 4 a fol.849-855 tal-process.
[43] Ara Dok.MS 1 u MS 3 a fol.849-855 tal-process.

li huma kienu qed jagixxu bhala brokers u peress li t-transazzjonjiet imsemmija huma tat-tip execution only ifisser li l-attrici qabbdithom bhala agent biex jakkwistaw u jbieghu l-ishma.

21. Karol Farrugia in rapprezentanza tad-ditta Rizzo Farrugia ighid li mir-ricerka li ghamel irrizulta li l-attrici rrikorriet ghas-servizzi taghhom bhala authorised stock brokers sabiex fit-13 ta' Marzu, 2006, akkwistat 300 sehem fil-Plaza Centres plc. Minhabba xi bonuses fl-2012, dawn saru 900 sehem. It-300 sehem inxtraw ghall-prezz ta' Eur.1,626 per share u ghalhekk il-valur tad-900 sehem huwa ta' Eur.513 u dan il-valur jitla' u jinzel.[44]

Fuq il-konvenut ighid li kien ghamel l-istess transazzjonijiet bhall-attrici.[45] Apparti hekk ighid li l-konvenut kien akkwista ukoll 100 sehem fl-HSBC Bank (Malta) plc. fl-10 ta' April 2006 ghall-valur ta' Lm11.15 per share u l-valur kurrenti huwa ta' Eur. 1,096. Minhabba share split li kienet saret zdiedu n-numru ta' ishma, izda l-valur taghhom baqa' l-istess.[46]

PROPRJETA U FLUS PARAFERNALI TAL-ATTRICI

1. Skond l-attrici tghid li kellha:-

   a) Lm200 (ekwivalenti ghal Eur.466) investiti fl-istock tal-Gvern Local Development Registered Stock li ser jinghalqu;
   b) Lm2,500 (ekwivalenti ghal Eur.5,825) fil-kont Barclays;

---

[44] Ara Dok. KF1 u KF 2 a fol. 941 u 942 tal-process
[45] Ara Dok. KF 3 a fol.943 tal-process.
[46] Ara Dok.KF 4 a fol.945 tal-process.

c) Wirt minghand missierha fl-ammont ta’ Lm5,597 (ekwivalenti ghal Eur.13,041).[47]

d) Renti li jammontaw ghal Lm2373[48].

e) Wirt minghand iz-zijiet fl-ammont ta’ Lm1191.

Skond il-konvenut, l-attrici ghandha diversi investimenti u flus kontanti li qatt ma tatu soddisfazzjon taghhom. Ighid li tircievi l-kirijiet ta’ zewg appartamenti f’B’Kara Flat 1, Bypass Flats, B’Kara Bypass, B’kara li ilu mikri sa mis-sena 1989 u Flat 5, Bypass Flats, B’Kara Bypass, B’Kara li nxtara f’2012. Jikkonferma li l-attrici kienet izzomm il-kera hi.[49]

L-attrici tghid li dwar il-flus li rebhet fil-lotterija tal-VAT kienet qalet lill-konvenut dwarhom u kienet ukoll qaltlu fejn kienet ser tinvestihom. Il-konvenut ighid li l-attrici nnegat dan il-fatt.

L-attrici tispjega li b’dawn il-flus, flimkien ma’ flus li qalghu matul iz-zwieg kienu xtraw id-diversi proprjetatjiet imsemmija aktar ‘l fuq.

PROPRJETA’ PARAFERNALI TAL-ATTRICI

L-attrici ssemmi diversi proprjeta’ parafernali li kienet xtrat u dawn kollha jikkonsistu f’mobbli.[50]

---

[47] Ara Dok.FA1 – FA 5 a fol. 25, 34-36 tal-process.
[48] Ara Dok.FA 6 a fol. 27 tal-process.
[49] Dok. AA 5 i-viii u AA 6 i-vii a fol.597 – 605 tal-process.
[50] Ara fol.23 tal-process.

FLUS PARAFERNALI TAL-KONVENUT

Il-konvenut jiddikjara li qabel iz-zwieg kien hemm ftehim bejnu u bejn martu biex hi tiehu hsieb l-ghamara u hu jiehu hsieb il-kostruzzjoni u t-tkomplija tad-dar li kellhom b'cens fil-Hamrun. Ighid li bena kamra tas-sodda u kamra tal-banju, saqqaf parti mill-bitha u ghamel l-attrezzar u l-ghamara tal-living room u tal-kcina, kif ukoll xtara tapit u grandfather's clock kollox a spejjes tieghu.[51]

Ighid li b'hekk nefaq Lm1,100 (Eur.2,562) fis-sena 1981 u ta' dan ghandu kreditu.

Jispjega illi mal-irtirar inghata s-somma ta' Lm21,604 (ekwivalenti ghal Eur 50,323.78) bhala nofs il-pensjoni li kien inghata fl-1970.

PROPRJETA' PARAFERNALI TAL-KONVENUT

Dwar il-proprjeta' parafernali, il-konvenut ighid li missieru kien regalalu muniti ta' flus antiki. Wiret ukoll oggetti tad-deheb li jghid huma mizmumin minn martu.[52] Ighid li kellu ukoll erba' settijiet ta' cufflinks kollha tad-deheb, brazzuletta, crieket, gizirana, imsielet, pendenti u oggetti tad-deheb ohra li qedghin ghand l-attrici.

Dwar dan l-attrici tghid li ghandha zewg muniti li kienu dota. Kellha tie-pin tad-deheb li l-konvenut kien gab qabel iz-zwieg. Tghid li l-konvenut ghandu zewg pendenti tad-deheb bir-rubini li kienu nxtraw fiz-zwieg, ghandu ukoll gizirana li kienet t'ommha u kienet wirtitha u taghthielu biex juzaha.  L-attrici tghid li kull ma wiret il-konvenut huwa pendent b'hagar ahdar li qieghed ghandha ukoll.

---

[51] Ara Dok.AA 2 a-g a fol.594 tal-process

[52] Ara Dok. AA 41 I, ii u Dok.AA 42, I, ii a fol.704 u 705 tal-process.

Isemmi ukoll diversi bicciet ta' ghamara li wiret u li kienu tieghu u li tikkonferma l-attrici, hlief ghall-mejda li tinfetah doppja ghax tghid li rrovinawha fiz-zwieg u llum ma tiswiex aktar minn Lm30 (ekwivalenti ghal Eur.69.90).[53]

Il-konvenut ukoll qed jippretendi dak kollu elenkat fl-affidavit tieghu ghandu jizdied mal-assi parafernali tieghu.[54]

**Rat** l-atti u d-dokumenti kollha esebiti.

**Rat** ir-rikors u d-digrieti relattivi.

**Rat** in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

## IKKUNSIDRAT

## RESPONSABBILITA' TAL-FIRDA

Illi fil-verbal fl-udjenza tal-11 ta'April, 2011, il-partijiet kienu ddikjaraw li l-ebda parti m'ghandhom htija ghat-tifrik taz-zwieg taghhom, izda kien tkisser irrimedjabilment minhabba l-inkompatibilita' ta' karattru.

Eventwalment, il-konvenut biddel fehmtu u ddecieda li jkompli l-kaz tieghu ghab-bazi tal-akkuzi li ghamel fil-konfront ta' martu fil-kontro-talba tieghu

[53] Ara fol.55 tal-process.
[54] Ara fol.580 tal-process.

u cioe’ li z-zwieg taghhom tfarrak minhabba tort unikament tal-attrici, minhabba eccessi, sevizzi, ingurji gravi u nkompatibilita’ ta’ karattru.

Illi l-attrici qed tikkontendi li x-xhieda ta’ uliedhom moghtija permezz tal-affidavit, kif ukoll xehdu in kontro-ezami, ghandhom jigu kkunsidrati bhala vizzjati u ghalhekk m’ghandhomx jittiehdu in konsiderazzjoni. Il-Qorti tirrileva li diga’ kienet ippronunzjat ruhha f’dan ir-rigward permezz ta’ digriet taghha tal-22 ta’ Jannar, 2016[55] fejn cahdet it-talba tal-isfilz ta’ dawn l-affidavits u ghalhekk m’hemmx lok li telabora aktar.

Fi kwalunkew kaz, ulied il-partijiet ma pproducew xejn gdid minn dak li xehdu l-partijiet, l-unika haga x-xhieda aktar tiffavoregga lill-konvenut milli l-attrici u wiehed jifhem peress li kien il-konvenut stess li gabar kwalsiasi dokumentazzjoni biex juri lil uliedu x’kien qed jigri fil-kaz.

Il-Qorti, wara li analizzat il-provi fuq ir-responsabbilita’ osservat li z-zwieg tal-partijiet kien bhal dik ta’ kwalsiasi familja li qed trabbi lil uliedha. Il-missier jahdem u kien sahanistra jaghmel anke part-time biex ighin lill-familja u l-omm li kienet tghin fit-trobbija tal-familja. Jidher li l-konvenut kien jiddedika hafna hin f’xogholu, pero’ kien isib hin biex johrog ma’ martu u l-familja, anke jekk il-Hdud kien ihobb imur fil-kazinijiet. Jinhass li kien hemm certu nuqqas ta’ affezzjoni da parti tal-konvenut fil-konfront ta’ martu jew altrimenti ma kienx kapaci juri l-emozzjonijiet tieghu.

Il-problemi kif zvillupaw huma aktar wara li l-konvenut kellu jopera ruhu u minn dakinhar bdew sensiela ta’ atteggjamenti li huma infantili ghall-ahhar u jidher li l-koppja ghaddiet minn vendikazzjoni ghal ohra, li lanqas wiehed

[55] Ara fol.438 tal-process

jippretendi ghandu jkun l-atteggjament ta' zewg persuni maturi, li rabbew familja. Pika dwar minn mar jiehu hsieb lil wiehed jew lil ohra wara l-operazzjoni, pika fuq it-tfal u min ser jintoghgob l-izjed, l-attrici li kienet taghmel kull att kwazi vandaluz fid-dar matrimonjali biex tippika mal-konvenut, kif ukoll il-ferh tas-sentenza fejn il-konvenut inghata sentenza sospiza. Il-konvenut li donnu jissusspetta hazin f'kollox. Uliedhom stess jammettu li ghajjew jaraw lill-genituri taghhom jagixxu b'dan il-mod u jhossu li t-tnejn ikkontribbew ghal din il-firda meta missierhom kien jonqos bl-affezzjoni lejn ommhom, filwaqt li ommhom kienet tagixxi b'mod stramb.

Minkejja li l-attrici ssemmi li kien hemm xi erba' incidenti fejn il-konvenut ipprova jkun vjolenti maghha, ma jirrizultax li kien hemm xi proceduri kriminali, izda r-realta' kienet wahda, li l-partijiet kienu tbieghdu minn xulxin, jidher li kien hemm nuqqas ta' emozzjonijiet bejniethom. Jammettu li r-relazzjonijiet intimi kienu rarissimi u kull wiehed iwahhal fl-iehor. Imbaghad wara l-intervent tal-konvenut, bdew sensiela ta' piki u aktar tbieghdu minn xulxin. Fil-fatt, l-attrici thoss li ma kien jonqosha xejn materjalment u dan mhux kontestat mill-konvenut, li jghid li kellu l-kontijiet tal-banek f'idejha u kienet tigbed kemm trid. Pero' l-emozzjonijiet u r-rispett kienu neqsin. Minn meta bdew il-problemi kien hemm tghajjir kontinwu u nuqqas ta' empatija lejn xulxin.

Dan iwassal lil dina l-Qorti biex taqbel mas-sottomissjoni tal-attrici li z-zwieg tkisser irrimedjabiment minhabba inkompatibbilita' ta' karattru bejn iz-zewg partijiet u xejn aktar minn hekk.

**MANTENIMENT**

L-artikolu 3 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jikkontempla illi:-

***"Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu hekk jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja."***

L-attrici qatt ma kellha impjieg fiss tul iz-zwieg. Mill-provi jirrizulta li tircievi pensjoni ta' Eur.337 fix-xahar, filwaqt li l-konvenut jircievi zewg pensjonijiet fl-ammont ta' Eur.1200 u jhallas kwalsiasi kontijiet li hemm fid-dar bhal kontjiet tad-dawl u ilma, telefon u fuq dan m'hemmx kontestazzjoni. Illum pero' d-dar inbieghet u ma jirrizultax li l-konvenut ghadu qed ihallas dawn il-kontijiet.

Minkejja li l-konvenut jichad li llum ghadu qed jahdem part-time bhala accountant, jipprova jaghti l-impressjoni li l-introjtu minn dan l-impjieg kien minimum ghax ma kellux kwantita' ta' klijenti. Madanakollu, l-attrici gabet provi li hemm diversi klijenti li jinqdew bis-servizzi tal-konvenut u ghalhekk li huwa zgur li l-introjtu tieghu huwa aktar minn dak li jghid li hu.

L-attrici pero' ghandha tapprezza minkejja l-problemi li kien hemm bejniethom, il-konvenut dejjem ha hsieb li jghinha u jhallsilha l-ispejjes tal-utilitajiet. Ghandu jittiehed in konsiderazzjoni li l-attrici ukoll ghandha diversi investimenti. Il-konvenut jinsisti li l-attrici tircievi kera minn appartamenti li huma mikrija lil terzi flimkien ma' huha HI. Il-provi li pproduca mhumiex konkreti, ghaliex ghamel stima ta' xiex jahseb li kienet sehem il-kera ta' martu[56] u meta gie mistoqsi jekk kienx jaf li l-appartamenti

---

[56] Ara Dok. AA 4 a fol. 596 tal-process.

huwa proprjeta' ta' HI, jametti li meta sar il-kuntratt kien qieghed l-isptar u jinsisti li martu kienet tahbilu. Il-Qorti ezaminat bir-reqqa d-dokumenti rigward dawn il-proprjetajiet f'Ganu Street, B'kara jirrizulta li huma tal-komunjoni u addiritura hemm kirjiet dehlin.

Ghalhekk, meta l-Qorti tqis l-introjtu taghha ma' tal-konvenut u li llum id-dar matrimonjali nbieghet u m'ghadhomx ighixu flimkien, jirrizulta li l-attrici ddahhal introjtu decenti mill-pensjoni, l-investimenti, kif ukoll bil-kirijiet u ghaldaqstant ma tissussitix it-talba ghall-alimenti.

**KOMUNJONI TAL-AKKWISTI**

Il-partijiet jaqblu li diversi proprjetajiet diga' nqassmu u nbieghu u dan jirrigwarda s-segwenti:-

i) Id-dar matrimonjali u cioe, 119, Triq il-Gummar, B'kara, flimkien mal-garaxx;

ii) L-appartamenti u l-garaxx fil-Mellieha;

iii) Dwar l-assi mobbli jirrizulta li l-kontendenti qassmu xi oggetti mobbli inkluz ghamara li kienu jinsabu fid-dar matrimonjali u taw xi oggetti ohra lil uliedhom.

iv) Il-partijiet jidhru li qasmu diversi oggetti mobbli pero' lanqas ma gie pprezentat prospett sabiex il-Qorti tkun tista' tiddetermina x'ghad irid jigi diviz. Jirrizulta mill-affidavits tal-kontendenti li kellhom xi interessi f'xi oggetti mobbli, pero' minhabba nuqqas ta' informazzjoni x'ghad fadal fil-konsistenza tal-komunjoni u

tenut kont li ghaddew prattikament ghaxar snin minn dak iz-zmien, ikun ghaqli, li l-partijiet bejniethom jiddividu dawk il-mobbli li fadal bejniethom jew bl-assistenza tal-avukati taghhom jew alternattivament jigi mahtur kuratur mill-Qorti biex jaghmel din il-qasma.

v) Dwar iz-zewg pendenti tad-deheb bir-rubini, il-konvenut jinsisti li ma jafx bihom filwaqt li l-attrici fil-mori tal-kawza, dejjem baqqghet isemmihom. Skond l-attrici dawn jinstabu ghand il-konvenut. Imbaghad hemm il-muniti tal-fidda antiki.

Jekk kemm il-darba l-konvenut jipproduci z-zewg pendenti tar-rubini, izommu wiehed kull wiehed u jinqassmu l-muniti tal-fidda. Fin-nuqqas li jsir dan, il-muniti ghandhom jinzammu nterament mill-attrici.

vi) Dwar il-kontijiet bankarji ndividwali, dawn ghandhom jinzammu minn kull parti rispettivament, filwaqt, li fejn hemm kontijiet kongunti dawn ghandhom jinqassmu ugwalment bejn il-partijiet. Fejn il-konvenut kellu xi kontijiet li kien jamministra ghat-tfal, dawn ghandhom jibqghu jigu amministrati minnu.

vii) Dwar l-ishma investiti fil-Borza ta' Malta jirrizulta li m'hemmx kontestazzjoni li kulhadd izomm l-investimenti rispettivi tieghu.

viii) Dwar il-Life Policy mal-Mapfre MSV Life, jirrizulta li din kienet mahruga f'isem il-konvenut. Minn imkien ma jirrizulta x'sar minnha din il-polza, ghajr li kienet tezisti.[57] L-attrici tghid li din il-

[57] Ara Dok.ED1 a fol. 167 tal-process.

polza nghalqet u dawn il-flus ittiehdu mill-konvenut. Il-konvenut m'opponix ghal dan il-fatt, ciononostante m'hemmx prova konkreta f'dan is-sens. Ghalhekk, jekk il-konvenut ha dawn il-fondi mill-polza, is-sehem tan-nofs indiviz irid ighaddi lill-attrici jew fin-nuqqas tinghalaq u tinqasam is-somma hekk assikurata.

ix) Fuq l-ammont ta' Eur. 5000 li ssarrfu mill-konvenut peress li mhux kontestati minnu, is-sehem tal-attrici ghandu jigi saldat mal-ammont ta' Eur.2,562 li ghandu jiehu bhala prelevament ta' spejjes li hareg ghad-dar matrimonjali fl-1981 u dan wara li kien hemm ftehim ma' martu qabel iz-zwieg, fuq min kellu jhallas xiex lejn id-dar matrimonjali.

x) Dwar l-appartamenti numru 1 u 5, Bypass Flats, B'Kara By Pass, Ganu Street, B'Kara skond il-konvenut jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti. L-attrici ma semmiethomx fir-rikors taghha, izda kien biss meta ssemmew mill-konvenut li ghamlet talba sabiex tharrek lil huha HI biex tikkonferma li kienu jappartjenu lil huha u dehret biss bhala ko-proprjetarja. Dina l-Qorti b'digriet tat-28 ta' Marzu, 2014 cahdet li jitressaq hu l-attrici u cioe' HI u dan peress jekk kien daqshekk relevanti l-attrici messha indikatu mill-bidunett tal-proceduri.

Il-Qorti ghalhekk ghandha issa tiddetermina jekk dawn iz-zewg appartamenti jappartjenu jew le lill-komunjoni tal-akkwisti. Jirrizulta li hemm zewg kuntratti[58] fl-appartament numru 1 jirrizulta li l-attrici qiedghda ko-proprjetarja u ghandha tlett kwarti rapprezentanti sehemha mill-proprjeta', li nxtrat fl-1989 u cioe' fiz-zwieg. Filwaqt li fil-proprjeta' appartament numru 5, ma

[58] Ara Dok.AA 5 u Dok.AA6 a fol. 597-605 tal-process.

jirrizultax li gie esebit il-kuntratt ta' akkwist, izda biss kuntratt ta' lokazzjoni fejn hemm annotat min-Nutar Dr. Angele Rapa stess li l-partijiet huma sidien ta' 37.5% tal-istess immobbli.[59]

Fl-ebda hin ma ngabu provi biex jattakkaw dawn il-kuntratti, minkejja tentattivi da parti tal-attrici li ttentat turi li l-istess proprjeta' in partikolari l-appartament numru 1 jappartjeni lil huha, pero' dan gie ostakolat proceduralment. L-attrici tibqa' tinsisti li huha kien is-sid ta' dawn l-appartamenti u kienet biss dehret bhala ko-proprjetatrici. Tghid li hu wahdu kien hareg il-flus biex akkwista dawn il-proprjetatjiet. Il- fatto sta li l-attrici qatt ma rreferiet ghal dawn il-proprjetajiet, ghajr meta l-konvenut indikahom bhala parti mill-komunjoni, liema fatt hu ghal kollox oppost mill-attrici.

Il-kuntratt tal-akkwist tal-appartament numru 1, f'B'Kara By-pass, Ganu Street, B'Kara u l-kuntratt ta' lokazzjoni datat 12 ta' Settembru per se jindikaw xejn anqas milli l-attrici bhala ko-proprjetarja u cioe' li tidher li ghandha sehemha minn dawn il-proprjetajiet u dan l-akkwist sar waqt iz-zwieg. M'hemm l-ebda prova kuntrarja tat-titolu u ghalhekk fuq bazi ta' probabilita' din il-Qorti tikkunsidra lil dawn l-appartamenti bhala formanti parti mill-komunjoni u dan aktar u aktar meta l-attrici donnha riedet tahbihom meta ma semmiet xejn dwarhom. Ghalhekk dawn ghandhom jinqasmu fis-segwenti mod, minkejja li l-partijiet lanqas ma gabu provi tal-valur ta' dawn il-postijiet:-

[59] ARA Dok.AA6 a fol. 609 tal-process.

(i) l-attrici zzomm is-sehem ta' tlett kwarti tal-appartament numru 1, ByPass Flats, B'Kara By-Pass, Ganu Street , B'Kara u dan apparti sehemha mill-komunjoni, ukoll a saldu tal-prelevament li hi ghandha fuq ix-xogholijiet li ghamlet fid-dar matrimonjali li jammontaw ghal Lm11,861 (Eur.27,636) li gew ippruvati mill-attrici, kif ukoll ghas-saldu ta' sehemha mill-polza ta' assikurazzjoni mal-Mapfre' Life Insurance li sallum ghadu mhux konkluz jekk inghalqitx mill-konvenut, filwaqt li l-konvenut jinghata t-37.5% fl-appartament numru 5, ByPass Flats, B'Kara ByPass, Ganu Str, B'Kara.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Onorabbli Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-attrici u l-ewwel kontro-talba tal-konvenut, u tiddikjara li s-separazzjoni sehhet minhabba l-inkompatabilita' tal-kontendenti ;

2. Tichad it-tieni talba tal-attrici.

3. Tichad it-tielet talba tal-attrici u t-tieni kontro-talba tal-konvenut, gialardarba l-partijiet huma t-tnejn responsabbli minhabba inkompatibbilita' ta' karattru.

4. Tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tar-raba' talba tal-attrici u dan minhabba li llum id-dar matrimonjali nbieghet.

5. Tilqa’ l-hames u s-sitt talba tal-attrici u t-tielet u r-raba’ kontro-talba tal-konvenut, u tilikwida u tassenja l-komunjoni tal-akkwisti kif imsemmija aktar ‘il fuq.

Bl-ispejjez li ghandhom jinqasmu f’sehem indaqs bejn il-partijiet.

**Onor. Imhallef Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**